MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Rikors Kongunt Numru. 209/2011

**X u Y**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kungunt tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Ottubru, 2011;

Rat in-nota tar-rikorrenti Y tal-11 ta’ Ottubru 2011;

Rat l-affidavit kongunt tal-partijiet tal-11 ta’ Ottubru, 2011;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi fid-data li bdew il-proceduri ta’ divorzju, il-partijiet ghexu mhux flimkien ghal perijodu ta’ wiehed u ghoxrin sena (21) mid-data tas-separazzjoni

legali; u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni skond kif xehdu l-partijiet;

Rat illi ulied il-partijiet huma maggorenni u l-ebda manteniment m'hu dovut lilhom skond il-ligi;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti Y sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------